# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 618/2019/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Antonio Vella**

Illum 20 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Antonio Vella**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 808755(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer nhar il-25 ta' Frar 2019 u fil-ġranet ta' qabel u fix-xhur ta' wara din id-data, b'diversi azzjonijiet magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda ġewwa 28, il-Girna, Triq Toni Zahra, Żejtun u/jew fil-viċinanzi:

1. żamm klieb fejn ġiegħlhom isofru uġiegh, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u abbanduna l-istess annimali;

2. fl-istess perjodu, lok, ħinijiet u ċirkostanzi żamm annimali jew qabel li jżomm annimali u ma kienx responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom;

3. fl-istess perjodu, lok, ħinijiet u ċirkostanzi ma ħax dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jiżgura li l-ħtiġijiet ta' annimal/i li kien responsabbli għalihom, jew li qabel li jieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimali. Għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, ħtiġijiet ta' annimal tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġieba normali tiegħu, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard;

4. fl-istess perjodu, lok, ħinijiet u ċirkostanzi żamm ristrett fi kwalunkwe ħin b'hekk li kkawża lilhom tbatija jew ġrieħi. Il-klieb kellhom jingħataw l-ispazju xieraq għall-bżonnijiet fiżjoloġiċi u etoloġiċi skont l-esperjenza u tagħrif xjentifiku stabbiliti. Kellu jkollhom spazju mhux anqas minn dak preskritt bil-liġi u ċ-ċirkolazzjoni tal-arja, livelli ta' trabijiet, temperatura, umdita' relattiva tal-arja u l-konċentrazzjoni ta' gass kellhom jinżammu f'limiti li ma jkunux ta' dannu għall-klieb;

5. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ma avżax lid-Direttur fi żmien sebat ijiem meta kelb/klieb ikollu jmut jew jiġi trasferit minn sidu jew mid-detentur tiegħu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Ottubru 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(2),(3)(4) u 45(1)(3) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament (1)(2)(3), kif ukoll l-Iskeda (Regolament 4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 493.21 [Regolamenti Dwar Iż-Żamma tal-

Klieb] u Regolament 5(2)(10)(11) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 437.101 [Regolamenti Dwar L-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb], Artikoli 17(b), 18, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u kkundannatu sentejn priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal erba' (4) snin minn dakinhar tas-sentenza u kkundannatu wkoll multa komplessiva ta' għoxrin elf Euro (€20,000) pagabbli fi żmien tliet snin minn dakinhar tas-sentenza. L-Ewwel Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza u ordnat li l-annimali kollha li jissemmew fir-rapporti magħmula mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, Promozzjoni u Servizzi jgħaddu immedjatament taħt il-kustodja tal-istess Dipartiment. Id-Dipartiment ġie awtorizzat, f'każ li jiġi deċiż minnu li tali annimali ma jistgħux jinżammu minnu, li permezz ta' talba magħmula appożitament jitlob lill-Qorti tawtorizzah sabiex l-annimali kkonċernati jew xi wieħed minnhom jgħaddu fl-affidament ta' terzi. Fil-konfront ta' l-ispejjeż magħmula mid-Dipartiment għas-Servizzi Veterinarji bħala riżultat ta' dan ir-reat, l-Ewwel Qorti ġiet prekluża milli tapplika d-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 45(3) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' Artikolu 16(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.03 tal-Liġijiet ta' Malta peress li tali spejjeż baqgħu ma ġewx ikkonfermati bil-ġurament mid-dipartiment ikkonċernat u lanqas ma ġew ikkwantifikati fl-intier tagħhom. *In oltre ai termini* ta' Regolament 5(9) tar-Regoli dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb (Leġislazzjoni Sussidjarja 437.101 tal-Liġijiet ta' Malta), l-imputat gie projbit milli jkollu jew irabbi kelb jew milli japplika għal xi liċenzja oħra ta' kelb għal żmien ħamsa u għoxrin (25) sena minn dakinhar li ngħatat is-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) fl-ismijiet fuq premessi u konsegwentement, tillibera lill-appellant mill-akkużi kollha miġjuba kontrih, kif ukoll minn kull*

*piena u ħtija skont il-liġi, u, fl-eventwalita' li ma tilqax l-aggravji dwar il-ħtija, tvarja u tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti tagħha li tirrigwarda l-piena u minflok tordna li l-istess appellant jiġi kkundannat għal dik il-piena aktar xierqa li jogħġobha timponi din l-Onorabbli Qorti."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-18 ta' April 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq sitt aggravji. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha rigward l-ewwel aggravju li fih l-appellant jisħaq li s-sentenza appellata għandha tkun iddikjarata nulla minħabba nuqqas da parte tal-Ewwel Qorti għar-rigward il-formalitajiet rikjesti minn Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."

Illi din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti tgħid hekk:

> "Il-Qorti, filwaqt li ma tarax l-estremi għas-sejbien ta' ħtija dwar l-ewwel imputazzjoni, tqis li m'hemmx dubju li jirriżultaw it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni. Fir-rigward tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni, japplika l-Artikolu 45(1)(a) tal-Kap. 439 filwaqt li anke fir-rigward tar-raba' imputazzjoni (b'applikazzjoni tar-Regolament 8 tal-istess LS 439.21) japplika wkoll l-istess Artikolu 45(1)(a).
>
> [...]
>
> Il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha sal-grad rikjest mil-liġi u sejra tgħaddi sabiex issib l-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih salv għall-ewwel imputazzjoni.
>
> [...]
>
> Għaldaqstant il-Qorti wara li rat [...] issib lil Anthony Vella ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannahom [recte: tikkundannah] sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal erba' (4) snin millum u multa kumplessiva ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) pagabbli fi żmien tlett snin millum." [emfażi miżjuda]

Illi għalhekk filwaqt li fis-sentenza appellata jingħad għal darba, darbtejn li l-appellant allura imputat ma kellux jinstab ħati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu, aktar tard fid-*decide* tal-istess sentenza ngħad li l-appellant kien qed jinstab ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati kontra tiegħu.

Illi minn dak imsemmi hawn fuq mhux ċar jekk l-Ewwel Qorti sabitx ħtija fl-appellant fl-imputazzjonijiet kollha addebitati kontra tiegħu jew le. Din il-Qorti ma tafx eżatt ta' liema imputazzjonijiet l-appellant instab ħati mill-Ewwel Qorti.

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005) fejn ingħad hekk:

> "Li skond l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid l-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-Artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat;
>
> Fil-kaz in eżami, l-Ewwel Qorti f'ebda ħin ma ddikjarat espressament ta' x'hiex kienet qed issib lill-appellant ħati u għalkemm *"passim"* fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha ġraw il-fatti, b'mod li wieħed jista' jkollu indikazzjoni vaga ta' x'hiex seta' nstab ħati, dan jibqa' alkwantu inċert, partikolarment meta ssir riferenza għall-artikoli ċitati mill-Qorti bħala l-artikoli li suppost jikkontemplaw ir-reati li tagħhom suppost instab ħati, li in parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Ġenerali u huma jew ineżistenti jew manifestament mhux relatati mal-każ. Meta l-liġi issemmi li l-Qorti *"għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati"*, dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun għaddiet in rassenja – anki b'mod eżawrjenti bħal f'dan il-każ – il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid tgħid eżattament u espressament ta' liema reati sabitu ħati billi tgħid fil-qosor f'hix jikkonsisti r-reat li rriżulta pruvat.
>
> Illi skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġi fl-Artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalita'

> sostanzjali fis-sens tal-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali. F'każ simili dan jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata. (ara f'dan is-sens l-Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Paul Cachia"** [25.9.2003]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [9.9.2002]; **"Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat"** [10.7.2002 u 28.6.2002]; **"Il-Pulizija vs. Donald Cilia"** [24.4.2002], **"Il-Pulizija vs. Mark Portanier"** [14.9.2004]; **"Il-Pulizija vs. John Axiaq et"** [19.5.2005]; **"Il-Pulizija vs. Stefan Abela"** [2.2.2006] u oħrajn).
>
> Illi ġie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu ħażin jew addirittura l-indikazzjoni tal-liġi skorretta hu ekwiparat ma' n-nuqqas ta' ċitazzjoni tal-artikolu tal-liġi li taħtu tkun instabet ħtija. (ara **"Il-Pulizija vs. Mario Agius"** [3.2.1995] u oħrajn).
>
> Illi ġie ukoll ritenut li l-Qorti tista' dejjem tirrileva tali nuqqas *"ex officio"* għalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra"** [26.5.1994]; **"Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi"** [6.1.2005] u oħrajn).
>
> Għaldaqstant <u>l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza għandu jiġi akkolt mhux biss għaliex l-Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li tagħhom l-appellant instab ħati</u>, imma ukoll għaliex, kif irriskontrat din il-Qorti *"ex officio"*, fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ċċitat artikoli li mhux biss ma ġewx indikati lilha mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu, imma artikoli li jew huma ineżistenti jew manifestament żbaljati." [emfażi miżjuda]

Illi minkejja li dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq ikkwotata ma kienx identiku eżatt għall-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, il-Qorti tinnota li l-fatt li l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha l-ewwel tgħid li ma kinitx ser issib ħtija fl-appellant fl-ewwel (1) imputazzjoni u mbagħad tiddikjara li kienet qed issibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu jwassalha

sabiex tabbraċċja l-insenjament hawn fuq ikkwotat. Għaldaqstant din il-Qorti ser tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u ser tiddikjara s-sentenza appellata bħala nulla.

Illi kif qalet is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** hawn fuq iċċitata:

> "Illi pero' dan ma jwassalx għall-annullament tal-proċedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti kif qed jippretendi l-appellant fl-istess aggravju tiegħu. In-nullita' hija limitata biss għas-sentenza u kull parti oħra preċedenti tal-proċeduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa u għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa' tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-Artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpoġġa mill-ġdid fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata."

Illi dak li ngħad hawn fuq huwa proprju dak li ser tagħmel din il-Qorti u li sar ukoll f'diversi sentenzi oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fosthom dik mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage**.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ser tordna li l-atti proċesswali jiġu mibgħuta lill-Ewwel Qorti sabiex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi b'dan illi jiġi speċifikat li l-appellant għandu jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament fiha qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata. B'hekk ma hemmx il-ħtieġa li din il-Qorti tagħmel konsiderazzjonijiet dwar l-aggravji l-oħra mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**